MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Numru. 213/2007

PULIZIJA
SPETTUR MARTIN SAMMUT
VS
OMAR PSAILA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Omar Psaila, ta’ 26 sena, iben Joseph u Spiridione nee’ Mifsud imwieled Pieta’ fit-23 ta’ Frar 1981, residenti gewwa Joanna Hse, Triq l-Aurora, Mosta u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 225881(M)

Illi huwa akkuzat talli nhar il-31 ta’ Awissu 2006, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew b’kull mod indahal sabiex imexxihom jew ibieghhom u dan ai terminu tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.2) u dak ta’ l-imputat (a fol.5);

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda ta’ l-Ispettur Carmelo Abdilla (a fol.9) jirrizulta illi sar rapport mir-rapprezentanti tal-*Hilton Hotel* illi fuq is-CCTV *cameras* taghhom deheru zewg zghazagh jisirqu *cameras* mill-vicinanzi tal-*pool* tal-Hotel. Iz-zewg hallelin gew identifikati u pprocessati mill-Qorti wara li kienu ammettew serq ta’ *camera* u arlogg.

Mill-interrogazzjoni taz-zewg hallelin, illi gew identifikati bhala Laydon Gravina u Russelle Schembri, jirrizulta illi din il-*camera* giet mibjuha minnhom lill-imputat. Illi ghaldaqstant l-Ufficjal Prosekutur interroga lill-imputat Psaila u dana ddikjara illi zewg persuni kienu bieghhewlu xi *camera* u li hu xtraha in buona fede ghal prezz ta’ tletin lira (Lm30). Fix-xhieda tieghu, l-Ispettur Abdilla sostna illi l-*camera* in kwistjoni tiswa’ xi mija hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm125), pero’ stqarr illi ma jafx il-prezz ta’ *second hand digital camera*.

Giet ezebita l-*camera* bhala l-ezebit Dok.CA1 kif ukoll l-istqarrija ta’ l-imputat Dok.CA5

Fl-ewwel xhieda taghhom, Gravina u Schembri a fol.18 u 19 ghazlu li ma jixhdux sabiex ma jinkriminawx lilhom infushom.

Fit-tieni xhieda tieghu, wara l-eghluq tal-proceduri kriminali kontra tieghu, Russelle Schembri xhed li hu ma kienx jaf lill-imputat, illi dahal fil-hanut tieghu flimkien ma’ Laydon, bit-tir illi ibiegh il-*camera* tar-ritratti f’Awissu tat-2006 li huwa kien seraq ftit qabel. Huwa tallbu l-prezz ta’

erbghin, hamsa u erbghin lira. Russelle xhed illi l-imputat staqsieh jekk il-*camera* kinitx misruqha u li hu serrahlu rasu li ma kinitx u kien irnexxielu jbieghha ghal prezz ta' bejn erbghin, hamsa u erbghin lira.

Laydon Gravina (a fol.27 et seq.) ikkonferma illi l-proceduri kriminali kontra tieghu kienu konkluzi u li huwa kien seraq *camera* u bieghha lill-imputat. Xhed illi huwa kien jaf lill-imputat, Psaila, ghax gieli kien isewwi l-*mobiles* ghandu u gietu f'rasu illi seta' jbiegh il-*camera* f'dan il-hanut ta' l-imputat. Ikkonferma illi huwa ma nfurmax lill-imputat illi l-*camera* kienet misruqha u talab prezz ta' hamsa u erbghin Lira Maltin. A fol.29, Gravina xhed illi l-imputat staqsieh ghal darba darbtejn jekk il-*camera* kinitx misruqha u li hu accertah li ma kinitx.

L-Espert Tekniku Joseph Coppini kkonferma (a fol.37) illi l-*camera* tar-ritratti in kwistjoni ma kinitx teccedi l-mitt Lira Maltin.

L-imputat, Omar Psaila, ghazel li ma jixhidx. Fl-istqarrija tieghu Dok.CA5 l-imputat informal lil Pulizija illi huwa kien impjegat f'hanut li jismu 'Phone Connection' ta' Xbiex u li kien dahlu xi guvintur fl-ahhar ta' Awissu, 2006 biex ibieghhu *camera Panasonic digital* u tallbu hamsin Lira Maltin. L-imputat jghid illi innegozja maghhom u offrielhom prezz ta' tletin Lira u dan gie accetat. Ikkonferma (a fol.16) illi huwa kien staqsa lil dawn il-guvintur ghal xi erba' darbiet illi jekk il-*camera* kinitx gejjha mis-serq u li gie accertat li ma kinitx. L-imputat ikkonferma wkoll illi dawn il-guvintur kienu gew f'karozza tal-marka *Hyundai* tal-kulur griz.

Ikkonsidrat:

L-imputat jinstab mixli taht l-Artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ta' ricettazzjoni. Dan l-Artikolu jipprovdi:

*"Kull min f'Malta xjentement jilqa' ghandu jew jixtri hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn*

*Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom, jehel, meta jinsab hati -*

*(a). Jekk il-haga tkun gejja minn serq, bil-piena tas-serq, skond il-valur tal-haga."*

Mil-Gurisprudenza nostrali jirrizulta li:

*"Fir-ricettazzjoni, l-element intenzjonali jirrikjedi li r-ricettatur ikun jaf, jew mic-cirkustanzi partikulari tal-kaz, ikun imissu ragenevolment ikun jaf li l-oggett li qed jakkwista gej minn provenjenza kriminuza."* (Ara **Il-Pulizija vs. Nazzareno Zarb u Melchiore Spiteri** deciza mill-Appell Kriminali fis-16 ta' Dicembru, 1998.)

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. George Schembri** deciza mill-Appell Kriminali fit-30 ta' April, 1992, intqal:

*"Min jakkwista oggett f'cirkustanzi li fihom imissu jissusspetta li dak l-oggett kellu provenzjenza llegittima, u intant ma ghamel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, huwa hati ta' ricettazzjoni."*

Illi, di piu', fis-sentenza **Il-Pulizija vs. George Tabone** deciza fil-24 ta' Gunju, 1961, il-Qorti ta' l-Appell (Per Honor Mhf William Harding) rriteniet is-segwenti:

*"L-element ta' (scienter) huwa mehtieg ghal integrazzjoni tar-reat ta' ricettazzjoni. Dan l-element jista' jirrizulta mic-cirkustanzi tal-kaz partikolari; imma s-semplici susspett li jigi fl-akkuzat dwar il-provenjenza legittima jew le ta' l-oggett li jkun ser jixtri jew jiltaqa', minghajr ma jaghmel il-verifika mehtiega dwar dik il-provenjenza, huwa prova bizzejjed ta' l-element intenzjoni ta' dan ir-reat."*

(Ara wkoll **Il-Pulizija vs. John Dimech** deciza Appell Krim. fil-24 ta' Gunju, 1961)

Illi fil-kaz in ezami, huwa evidenti illi l-imputat, Omar Psaila, ghamel dak illi seta' bhala bniedem diligenti, responsabbli ghal hanut, meta gie rinfaccjat bil-bejgh ta'

din il-*camera* u cioe illi saqsa ripetutament dwar il-provenjenza ta’ din il-*camera* u gie accertat, illi l-provenjenza ta’ tali *camera* kienet wahda lecita. Illi c-cirkustanzi dwar dan il-bejgh jirrizulta b’mod anke ampju, illi l-bejgh sar fid-dawl tax-xemx u ghal prezz ragonevoli, dana in vista ta’ l-istima ta’ anqas minn mitt lira da parti tal-Perit Tekniku, ghal *market value,* ta’ *camera* gdida, u in vista wkoll tal-*poor resale value* ta’ apparat digitali.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti, ssib lill-imputat, Omar Psaila, mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------